MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 322/2006

APS Bank Limited (C 2192)
vs
1. Joseph Camilleri u b'digriet tas-17 ta' Lulju 2007 Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Joseph Camilleri;
2. Angelo Giambra;
3. Mairi Iseabal Mclean Giambra

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

Illi l-konvenuti Joseph Camilleri, Angelo Giambra u Mairi Giambra huma solidament bejniethom debituri versu l-Bank attrici fis-somma ta' disat elef, u tlett liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm9,003.89) rapprezentanti

bilanc ta' facilitajiet moghtija lill-istess konvenuti mill-Bank attrici kwantu ghas-somma ta' tmient elef, seba' mija u hamsin Lira Maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm8,750.32) bhala bilanc ta' debitu ta' "*Overdraft Account*" numru 12398730016 (Dok. A) kif ukoll kwantu ghas-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmi (Lm253.57) bhala bilanc ta' debitu ta' "*Interest Disposal Current Account*" numru 20000343390 (Dok. B) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2005 sad-data tal-pagament;

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-imsemmija somma, inkluz permezz ta' Ittra Ufficjali Nru. 4781/05 datata 11 ta' Novembru, 2005, izda baqghu inadempjenti.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma solidament bejniethom debituri tas-socjeta` attrici tas-somma ta' disat elef, u tlett liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm9,003.89) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' disat elef, u tlett liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm9,003.89).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti solidament bejniethom inkluzi dawk tal-mandati ta' inibizzjoni u ta' sekwestru prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti solidament bejniethom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Angelo Giambra u Mairi Iseabal McLean Giambra li biha esponew:

1. Illi l-pretensjonijiet tal-Bank attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana *stante* li l-ammont mitlub mill-Bank huwa wiehed eccessiv u dana billi kellhom jigu kreditati ammonti ta’ flus fil-kont in kwistjoni liema flus ma baqghux jigu kkreditati certament mhux htija tal-konvenuti Giambra u dana hekk kif se jipprovaw l-istess konvenuti waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza. Ghalhekk il-konvenuti m’ghandhom ibatu l-ebda pregudizzju minhabba f’hekk u l-ammonti kollha li kellhom jitnaqqsu ghandhom jitnaqqsu mill-Bank attur;

2. Illi per konsegwenza ta’ dak li ntqal hawn fuq l-ammont mitlub mill-Bank attur mill-konvenuti Giambra huwa wiehed certament eccessiv kemm ghal dak li huwa kapital li qed jintalab mill-Bank attur, kif ukoll l-imghax hekk kif ikkomputat mill-istess Bank;

3. Illi minhabba s-suespost, il-konvenuti Giambra m’ghandhomx ibatu l-ispejjez kollha ta’ din il-procedura;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda prezentati mill-intimati.

**C. PROVI:**

Xehed Joseph Bugelli, li kien *senior manager* tas-*Central Advance Unit* mal-APS Bank u qal li mhux hu approva l-*loan* originali; dahal fil-bicca xoghol meta cempillu s-Sur Camilleri x-xih bit-telefon u kien fis-6 ta’ Novembru 2001 u dan ilmenta li l-APS kien ghadda xi flus li kienu dovuti lill-kumpanija tieghu li kien jisimha Joecar Limited u dan minflok ghaddihom lil Joecar, l-APS, *sponsorship monies* kienu dawn, jigifieri kien qed jisponsorja *greenhouse* ta’ valur ta’ Lm5,000 u kien hemm arrangament li meta jsir ix-xoghol, jghaddu l-flus l-*isponsorship* minflok lill-Gvern, lill-kuntrattur li ghamel is-serra u sadanittant, il-kuntrattur issellef minghandhom. Investigaw u faqqghet din; raw din il-*letter of undertaking* u l-artikoli tal-kumpanija. Meta ra l-Artikoli li gabhom mill-MFSA, mad-daqqa t’ghajn deher li l-

firma ta’ Joseph Camilleri li jorbot il-Joecar Limited kienet ohra - Joseph Camilleri iehor li huwa t-tifel tieghu li jismu l-istess Joseph Camilleri u li kienu fin-negozju flimkien ukoll. Qal:
“Konnha ghamilna *meeting*, gew it-tnejn li huma, il-missier u l-iben…u konnha rajnieh jiena u Leo Busuttil… u jidhirli u baqa’ jinsisti Joseph Camilleri l-missier kien li dik hija firma falza tieghu, hija l-firma tat-tifel tieghu u ma jistax jorbotna…Minn dakinhar ’il quddiem, ahna l-*isponsorship monies*, il-bank iddecieda li sar sar, ghax il-bank li ghamel ghamlu *buona fide* u ma jidhirilniex li kellna nimxu mod iehor, jigifieri li ghamilna jidhirli li kien *buona fide*, pero` mbaghad minn hemm ’il quddiem jidhirli li biddilna l-mod kif inhallsu ghax trid taghti kaz il-*claims* ta’ Camilleri x-xih. Sa dan it-tant hareg fatt ukoll iehor li ftit qabel qamet din il-kwistjoni, xi ftit xhur qabel, is-Sur Angelo Gambra u s-Sur Joseph Camilleri z-zghir li kienu f’*partnership* biex jibnu *greenhouse,* kellhom xi jghidu u dawn ma kienux kumpanija… kienu waqfu, hareg min-negozju u ma riedx ikompli mieghu…L-*undertaking* ta’ l-*isponsorship*, strihajt fuq dak tas-sena 2000. Jiena strihajt fuqu. Li qed tghidli Joecar Limited, qed tghiduli li ser tghaddi l-flus ta’ l-*isponsorship*, qed tghidli mill-*marketing* tihom, mill-APS stess, minn but ghall-iehor, jiena strihajt fuqu u mexxejt. …”

Gie prezentat affidavit ta’ <u>Louise Spiteri</u>, *Manager* mal-APS Bank Limited li semmiet li fl-10 ta’ Jannar 2000 il-Bank kien ta’ facilita’ ta’ *overdraft* (Kont numru 12398730016 bl-isem ‘Joseph Camilleri T/A Jo-An Associates’) ghal Lm5000 lil Joseph Camilleri, Angelo Giambra u Mairi Giambra (il-klijenti) ghall-iskop tan-negozju taghhom fil-qasam ta’ prodotti agrikoli, u dan permezz ta’ *sanction letter* bl-istess data - Dok. C. Bhala sigurta` ghal din il-facilita` l-Bank kien talab ‘*Letter of Undertaking*’ minghand Jocar Ltd. sabiex tghaddi l-flus mghotija lilha mill-APS Bank lil Jo-An Associates (Dok. APS 3), Polza ta’ sigurta` fuq l-*istock* tan-negozju, u ‘*Letter of Undertaking*’ minghand il-klijenti sabiex jaghtu ipoteka fuq ir-residenzi taghhom meta l-Bank jaghmel talba f’dan ir-rigward (Dok. APS 4 u Dok. APS 5).

Minkejja diversi tentattivi minn naha tal-Bank (permezz ta' laqghat mal-klijenti u ittri), il-klijenti baqghu ma rregolarizzawx il-bilanc tal-kont ghall-taht Lm5000 DR u lanqas ma taw ipoteka lill-Bank fuq ir-residenzi taghhom minkejja l-*'letter of undertaking'* imsemmija fi (iii) hawn fuq.

Ghaldaqstant f'Settembru 2005 dan il-kont gie trasferit fir-*Recoveries Unit*.

Giambra kien qalilhom li huwa lest jaghmel proposta bil-miktub lill-Bank sabiex ikun jista' jhallas "sehemu u sehem is-Sinjura Giambra" minn dan id-dejn.

Hi kienet infurmat lil Giambra li l-*overdraft* kellu jithaddem bhal kull *overdraft* iehor, jigifieri l-flus li jingibdu jithallsu permezz ta' depoziti mid-dhul tan-negozju u in fatti ma kien hemm l-ebda pagamenti stipulati fis-*sanction letter* li ffirmaw huma stess. Semmiet kif fl-1998 il-Bank kien ta *sponsorship* ta' Lm5000 lill-Ministeru tal-Agrikultura u s-Sajd sabiex jibni serra fin-*Nurseries* ta' Wied Incita f'H'Attard. Din is-serra kellha tinbena minn Jocar Ltd (kumpanija ta' certu Joseph Camilleri) u l-Bank kellu jhallas lis-Sur Camilleri. Fil-fatt l-ewwel pagament ta' Lm1000 kien sar mill-Bank permezz ta' Bank Draft f'isem Jocar Ltd. fin-1999. (Dok. LS 1) Fis-sena 2000 il-Bank irceva '*letter of undertaking'* iffirmata minn certu Joseph Camilleri fuq *letterhead* tas-socjeta' Jocar Ltd. fejn il-Bank gie mitlub illi l-flus ta' din l-*isponsorship* jibdew jigu depozitati fl-*overdraft account* tas-sinjuri Camilleri u Giambra, liema kont huwa mertu ta' din il-kawza. Fil-fatt il-Bank fis-sena 2000 u fl-2001 ddepozita' l-pagamenti ta' Lm1000 relattivi ghal dawn is-snin fil-kont imsemmi kif mitlub. Fl-2001 is-Sur Joseph Camilleri (ta' Jocar Ltd.) ikkuntattja lill-Bank u qal li huwa ma kienx ghadu rceva l-pagamenti riferenti ghas-snin 2000 u 2001. Il-Bank kien spjegalu li l-pagamenti kienu saru fil-kont tas-sinjuri Camilleri u Giambra kif mitlub fil-*letter of undertaking*. Irrizulta wkoll illi wara li gew imqabbla l-firem l-imsemmija '*letter of undertaking*' kienet fil-fatt giet iffirmata mill-konvenut Joseph Camilleri u mhux missieru. Ghall-ewwel is-Sur Camilleri (*Senior*) talab illi jithallas l-Lm2000

riferenti ghas-snin 2000 u 2001, izda wara diversi diskussjonijiet, is-Sur Camilleri (*senior*) qabel illi jithallas biss ir-rimanenti Lm2000 riferenti ghas-snin 2002 u 2003 sabiex b'hekk ikun thallas l-*isponsorship* kollu. Fil-fatt il-Bank mexa ma' dan il-qbil u fil-2005 hallas l-ahhar Lm2000 lis-socjeta` Jocar Ltd. permezz ta' *Bank Draft*.

Sussegwentement il-Bank kien ircieva ittra datata 14 ta' Gunju 2006 (Dok. LS 4) minghand l-avukat Edward Zammit Lewis f'isem is-Sinjuri Angelo u Mairi Giambra fejn offrew li jhallsu l-bilanc dovut pero` minghajr il-Lm3000 u l-imghax relattiv, u dan permezz ta' pagamenti mensili fuq perijodu ta' 5 snin, bl-imghax. Il-Bank permezz ta' ittra datata 16 ta' Gunju 2006 (Dok. LS 5) irrifjutat din l-offerta; wara ghamlu proposta ohra fejn huma kienu lesti li jhallsu l-bilanc dovut minghajr it-Lm3000 permezz ta' hlas ta' Lm4000 immedjatament permezz ta' self mill-APS Bank; u l-kumplament jithallas fi zmien sentejn.

Sadanittant intbaghtet ittra datata 4 ta' Lulju, 2006 minghand is-Sur Joseph Camilleri (*senior*) sabiex il-Bank ihallsu s-somma ta' Lm2000 riferenti ghal dawk il-pagamenti ta' l-*isponsorship* tas-snin 2000 u 2001 li kienu gew depozitati fl-*overdraft account* tal-konvenuti.

Gie prezentat affidavit ta' Leo Busuttil '*Manager - Head Office Advances'* mal-APS Bank Ltd. li semma li bejn Marzu tas-sena 2001 u Mejju tas-sena 2002, kien jamministra l-kont bankarju li jgib in-numru 12398730016 - '*Overdraft Account'* f'isem is-Sur Joseph Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita` li ggib in-numru 128475(M) - T/A Jo-An Associates. Minkejja li l-kont kien f'isem is-Sur Joseph Camilleri, l-facilita' bankarja kienet giet akkordata mill-Bank lis-Sur Camilleri flimkien mal-konjugi Angelo u Mairi Giambra u dan kif jirrizulta mis-'*Sanction Letter'*. Dak iz-zmien il-bilanc ta' debitu fuq il-kont kien diga jeccedi l-limitu ta' Lm5,000 akkordat mill-Bank b'Lm402. Kien irrizulta li l-Bank kien iddepozita dawn il-flus peress li l-Bank kellu struzzjonijiet permezz ta' ittra datata 15 ta' Frar 2000 b'*letterhead* tal-kumpanija Jocar Ltd. u ffirmata minn Joseph Camilleri, sabiex il-flus dovuti mill-APS Bank Ltd.

lil Jocar Ltd. jigu depozitati go l-'*Overdraft*' ta' Camilleri u Giambra.  Wara rrizulta li din l-ittra kienet giet iffirmata mis-Sur Joseph Camilleri (*Junior*) meta fil-fatt hu ma setax jaghmel dan ghax kien is-Sur Joseph Camilleri (*Senior*) biss li seta' jiffirma u jirrapprezenta lis-socjeta` Jocar Ltd.

Il-Bank kien pero` iddecieda li d-debitu jibqa' jsejjah lill-konvenuti solidalment bejniethom u dan kif kien gie originarjament maqbul bejn il-partijiet.

Gie prezentat affidavit ta' Joe Galea, *Senior Manager* mal-APS Bank Limited li semma li fil-bidu li mar jahdem fl-APS Bank (fl-1998) attenda cerimonja qasira fin-*Nurseries* ta' Wied Incita f'H'Attard fejn ic-*Chairman* tal-APS Bank ta' dak iz-zmien, is-Sur Alfred Farrugia, kien ipprezenta serra lid-Dipartiment tal-Agrikoltura.  Is-Sur Farrugia kien tah struzzjonijiet sabiex kull sena, ghal hames snin, johorgu pagament ta' elf lira Maltin (Lm1000) lis-Sur Joseph Camilleri, *manager* tal-kumpanija Jocar Ltd.

L-ewwel pagament sar permezz ta' *Bank Draft* f'isem Jocar Ltd. (Dok. LS 1) fl-1999.  Wara s-Sur Psaila kien tah struzzjonijiet sabiex minflok jibda jghaddi l-pagamenti fil-kont numru 12398730016 li jsejjah lis-Sinjuri Joseph Camilleri, Angelo Giambra u Mairi Giambra.  Hekk fil-fatt ghamel fir-rigward tal-pagamenti dovuti ghas-snin 2000 u 2001.

Is-Sur Camilleri nnega li hu qatt ta dawn l-istruzzjonijiet. Huwa fil-fatt stqarr li l-kont in kwistjoni ma kienx tieghu.

Joseph Camilleri (*Senior*), xehed li jigi missier Joseph Camilleri l-konvenut.  Semma li ghandu kumpanija jisimha Joecar Limited.  It-tifel ghandu wkoll *share* minn din il-kumpanija, izda mhux direttur ta' din il-kumpanija.  Ir-rapprezentanza hija biss f'idejh.  Fuq id-dokument relevanti gharaf il-firma tat-tifel tieghu.  Hu qatt ma ta l-kunsens fir-rigward.  Semma li it-tieni pagament ta' Lm2000 dovut lill-kumpanija tieghu kien mar fuq Joanne Associates u l-pagament l-iehor ta' Lm2000 rega' hadhom hu.  Semma li kien ghamlilhom proposta li jekk ma jfittxux lit-tifel tieghu, dawk l-Lm2000 jistghu jzommuhom izda

jekk dan ma jigrix ried l-Lm2000 lura. Semma li t-tifel tieghu llum jinsab il-Guatemala. Lit-tifel tieghu qatt ma tah prokura biex jidher ghan-nom tal-kumpanija tieghu. Qatt ma fittex lil Joanne Associates ghal dawk l-LM2000, u kien ghamel il-kawza biss fil-konfront tal-bank.

Xehed il-konvenut Angelo Giambra li semma li ghall-habta tas-sena 2000 kien dahal flimkien ma' Joseph Camilleri biex jaghmlu negozju fir-rigward tal-*greenhouses material* biex jissuplixxu ghall-bdiewa maltin. Din kienet biss *partnership* u mhux kumpanija. Kellhom bzonn ta' kapital u ghalhekk staqsew lill-APS Bank ghal *overdraft* ta' LM5000. Spjega li peress li l-kumpanija ta' missier Joe Camilleri kellha tiehu Lm5000 minghand il-Bank talbu dan l-ammont bhala *overdraft*. Gie zmien li beda jara l-affarijiet sejrin mhux kif suppost u ddecieda li ahjar jitlef ftit flus milli jitlef ir-reputazzjoni tieghu. Tah id-dokumenti kollha lil Joseph Camilleri (*junior*) u qallu li hareg mill-*partnership*. Dan kien f'Lulju 2000 u ma sema' xejn iktar sa Dicembru 2003 meta rcieva telefonata mill-APS Bank fejn qalulu li kellu jaghtihom l-ammont ta' Lm6000 u meta kont ser ihallas dan l-ammont. Zied li meta Joseph Camilleri kien ha over kienu Lm4000 *in the red*. Zied li rega' sema b'din l-istorja meta rcieva n-notifika fir-rigward tal-kawza odjerna meta l-ammont dovut kien tela' ghal Lm9000. Semma li kien jaf li l-Lm1000 kienu qed jigu depozitati dejjem dwar l-Lm1000 fis-sena li kellhom jithallsu mill-APS lil Joecar Ltd. Ilmenta kif la darba kien diga jidher car li s-Sur Camilleri ma kienx qed jirrispetta u jhallas id-dejn dovut, ghaliex il-bank kompla isellfu u jhallih jopera l-*account* wahdu u jzid id-dejn. Wiehed kien fit-28 ta' Settembru 2000 u f'Settembru 2000 l-*outstanding amount* kien Lm2465. Fis-27 ta' Settembru, 2000 l-*outstanding balance* kien Lm3465. Fit-28 ta' Settembru, 2000 kien hemm deposit ta' Lm1000 mill-*account* ta' Joecar u ghal hekk l-*account* nizel ghal Lm2465.

In kontro-ezami Angelo Giambra xehed li meta hareg mill-*Partnership* ma nfurmax lill-Bank qabel ircieva telefonata mill-Bank li kellu jaghti LM4000. Dwar l-*extension* tal-facilita` maghmula fl-14 ta' Novembru 2000 hemm il-firma tieghu fuqha ghax kienu ghadhom jahdmu u l-APS Bank

ikkonceda dan. Hu hareg mill-*Partnership* is-sajf ta' wara u ghalhekk ikkorega ruhu. Sostna li Joecar Ltd kienet qedgha tiehu l-flus ghax-xoghol li kien qed jaghmel hu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***

Ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti **solidament** bejniethom debituri tal-Bank rikorrenti ghas-somma ta' ghoxrin elf, disa' mija u tlieta u sebghin Euro u tnejn u erbghin centezmi (€20,973.42) [ekwivalenti ghal disat elef u tlett liri Maltin u disgha u tmenin centezmi (Lm9,003.89)] oltre l-interessi ulterjuri mill-31 ta' Dicembru, 2005 sad-data tal-pagament effettiv, u tikkundanna lill-istess konvenuti **solidament** bejniethom ihallsu l-imsemmija somma ta' ghoxrin elf, disa' mija u tlieta u sebghin Euro u tnejn u erbghin centezmi (€20,973.42) oltre l-interessi ulterjuri mill-31 ta' Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv. Il-bilanc ta' facilita` ta' *overdraft* moghtija lill-intimati flimkien u **solidament** bejniethom, liema kont igib in-numru 12398730016.

Illi l-konjugi Giambra ikkontestaw dina t-talba a bazi tal-fatt illi l-ammont mitlub mill-Bank rikorrenti kien wiehed eccessiv in vista tal-fatt illi kellhom jigu kreditati ammonti ta' flus fil-kont in kwistjoni liema flus ma baqghux iktar jigu kreditati certament mhux htija taghhom u ghalhekk il-valur mitlub huwa wiehed eccessiv ghal dak li ghandu x'jaqsam il-kapital u kif ukoll ghall-interessi.

***D2. Responsabbilta` ghall- facilita` ta' overdraft:***

Angelo Giambra u l-intimat Joseph Camilleri (*Junior*) kienu shab fi kwoti indaqs fil-kummerc u kienu ezercenti fl-istess kummerc taht l-isem ta' Jo-An Associates. Din ma kenitx kumpannija u lanqas *partnership* irregistrata ai fini tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Giambra fil-fatt ammetta li l-estensjoni tal-facilita` mertu tal-kawza kienet giet moghtija lill-intimati fuq talba tal-istess intimati Giambra u Camilleri flimkien. Giambra allega li kellhom jigu kreditati fondi fil-kont li kienu dovuta mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` Jocar Limited bhala *sponsorship* ghall-kostruzzjoni ta' xi serer fin-*Nursery* ta' Wied Incita gewwa H'Attard. Giambra ppretenda li s-socjeta` rikorrenti thallas

il-bilanc ta' l-i*sponsorship* ammontanti elfejn lira Maltin (Lm2,000) fil-kont mertu ta' din il-kawza minflok jithallsu lis-socjeta` Jocar Limited.

Matul il-kors tal-kawza rrizulta li l-*isponsorship* li kienet tammonta ghall-hamest elef liri Maltin, kellha tithallas lis-socjeta' Jocar Limited mill-Bank fuq medda ta' hames snin f'rati ta' elf lira Maltin kull sena. Fil-*letter of undertaking* tal-15 ta' Frar, 2000 ma kienx validu stante li minkejja li din kienet iffirmata minn Joseph Camilleri, dik il-firma ma kinitx tieghu izda ta' ibnu u cioe` l-intimat li jgib l-istess isem.

Fost l-argumenti ta' Giambra hemm li hu assolutament ma kienx jaf illi l-intimat Joseph Camilleri (*Junior*) ma kienx direttur tas-socjeta` Jocar Limited u hu kien mohhu mistrieh b'tali garanzija li kien qed jaghmel Joseph Camilleri (*Junior*) ghan-nom tas-socjeta` Jocar Limited u fil-fatt huwa kien estraneju ghal dan kollu fuq msemmi. Izda dan kollu jwassal biex Giambra jehles mir-responsabbilta` solidali!

Interessanti hu dak li jinghad fin-nota tal-intimati:
"Illi ghalhekk peress illi kienu lahqu diga' ghaddew Lm2000 fil-kont tal-esponenti u r-rimanenti bilanc ta' Lm2000 inghataw lil Jocar Limited, dan l-ahhar ammont ta' Lm2000 ghandu jitnaqqas mill-bilanc attwali tal-ammont li qed jitlob il-Bank peress illi skont l-imsemmi struzzjoni dawn il-flejjes kellhom jigu kkreditati a favur il-kont tal-intimati."

Wiehed irid iqis ukoll kemm in-negligenza grossolana tal-Bank rikorrenti f'din il-kwistjoni kollha u li ikkontribwit sewwa ghall-problema. Hija ghal kollox inaccetabbli li Bank jaccetta struzzjoni sabiex jigu kreditati fondi appartenenti lil socjeta` a favur persuna jew persuni ohra minghajr l-istess Bank ma jaccerta ruhhu u jivverifika li dik l-istess struzzjoni hija konformi mal-ligi u mal-istatut ta' dik is-socjeta`. F'dan il-kaz il-Bank naqas li jivverifika zewg affarijiet u cioe` fl-ewwel lok jekk il-persuna li kien qed jiffirma l-ittra kellu r-rapprezentanza tas-socjeta` in kwistjoni u f'kaz negattiv fit-tieni jindaga jekk dik il-persuna

kenitx debitament awtorizzata sabiex tiffirma bhala "*authorised signatory*".

L-argument tal-konjugi Giambra:
"Illi fl-ahharnett l-esponenti huma tal-fehma li huma kienu vittmi tal-agir tal-intimat Joseph Camilleri (*Junior*) u missieru Joseph Camilleri (*Senior*) u li kieku ma kienx ghall-agir taghhom certament dina s-sitwazzjoni ma kenitx tasal s'hawnhekk."

Ma jwassalx biex inehhi r-responsabbilta` taghhom. Wara kollox kieku hadu parir meta ddecidew li jwaqqfu l-*partnership* zgur li kienu jiktbu lill-Bank dak iz-zmien u l-problema kienet tkun ferm izghar.

Jinghad li l-facilita` bankarja mertu ta' din il-kawza giet moghtija lill-intimati solidalment u ghalhekk huma l-istess intimati li huma esklussivament responsabbli ghall-obbligi assunti mal-Bank rikorrenti u mhux is-socjeta` Jocar Limited. Huma iffirmaw l-ittra sanzjonarja relattiva ghall-facilita` *de quo* u konsegwentement huma li intrabtu mal-Bank.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk huwa car li l-intimati meta talbu l-facilita` bankarja assumew solidalment l-obbligi derivanti. Wiehed iriq iqis ukoll li kien jinkombi fuq il-konjugi Giambra li jinfurmaw lill-Bank rikorrenti li ienu tterminaw il-*partnership* u f'dan jahtu huma biss u jkollhom ibatu l-konsegwenzi. Izda mhux huma biss iridu jbatu ghall-agir tagghom izda l-Bank naqas sewwa meta ma ghamilx il-verifiki necessarji u kompla zied u kabbar il-problema u ghalhekk ghandu jerfa' parti mir-responsabbilta` li din il-Qorti qed tiffissa fis-somma ta' Lm2000.

Ghalhekk wara li cahdet l-eccezzjonijiet ta' l-intimati, tiddikjara li l-intimati huma solidalment bejniethom debituri tas-socjeta` rikorrenti tas-somma ta' sebat elef, u tliet liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm7,003.89) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Tikkundanna lill-intimati solidament bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-imsemmija somma ta’ sebat elef, u tliet liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm7,003.89) ossija €16,319.06.

Spejjez ¾ ghall-intimati u ¼ ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------